**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Mosta

**Illum,** 13 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**
**-vs-**
**Joseph Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 176463(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Camilleri u ċioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer u ċioè nhar is-17 t'Awwissu, 2019, ġewwa San Pawl il-Baħar:

1. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita tiegħu innifsu lil xiħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Patrick Spiteri fil-pussess ta' ħwejjġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u lil HSBC Bank Malta plc.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

L-imputat hu addebitat bir-reat ta' r*aggion fattasi,* li dwaru l-espert mahtur mill-Qorti il-Perit Dr. Robert Musumeci ghamel studju *funditus* fir-relazzjoni minn tieghu.[1]

Mill-atti jirrizulta minghajr dubbju li l-kwerelant Patrick Spiteri kellu l-pussess materjali tal-bicca art maghrufa bhala *'ir-raba tal-palazz tal-Wardija'.*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** fejn dik il-Qorti qalet hekk:[2]

> "…… kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv……
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:
>
> **"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.**
>
> **L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[3]"….
>
> "Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[4]"[emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[5]

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

[1] **Dok. RMJC**
[2] Deciza 30.11.2016 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima
[3] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf.
[4] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** dec 26/05/2004
[5] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.

"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li **jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess** tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale . [emfazi tal-Qorti]

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela** iddikjarat kif gej:[6]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

[6] 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia,** Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar,** 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G.,** Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[7]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Il-kwerelanti xehdu quddiem l-espert tal-Qorti:

*1.1 Dak li ssolleva Dr Patrick Spiteri jista' jingabar sintetikament f'dan li gej: Huwa flimkien ma' l-ex mara tieghu kienu xtraw il-fond 'konsistenti minn zewgt idjar li jmissu flimkien (parti kien jisimha San Anton u parti John's House maghrufa wkoll bhala l-palazz tat-telgha tal-Wardija)' flimkien ma' l-art tal-madwar lura fis-sena 1995·. Din l-art kienet bil-pussess vakanti u kellha zewg gates. Inbena hajt mad-dawra murija f'**Dok PS05102020.** L-artijiet kienu jintuzaw ghat-tkabbir tas-silla kif ukoll ghaz-zamma taz-zwiemel. Fis-sena 2009, Brittania Financial Servicces u l-HSBC saru proprjetarji ta' 'hafna mill-bini' (mhux kollu) kif ukoll dawk il-partijiet murija bl-ahmar fid-**Dok PS05102020**. Spiteri esebixxa dikjarazzjoni ta' Dr Eric Mamo ghan-nom tal-HSBC markata **Dokument PS05102021** li tghid li l-HSBC kien akkwista l-proprjeta' u dan qatt ma ta dritt lil Joseph Camilleri juza parti minn din l-art. Dr Patick Spiteri ippreciza li l-problemi nqalghu fis-17 ta' Awwissu 2019 ghaliex tfacca Joseph Camilleri u dan qal lil Malcolm Aquilina (ID373682M) u liz-zijiet tieghu, cioe' Raymond Aquilina (ID486663M) u Joseph Aquilina (ID279566M) li kienu qed jahdmu fuq il-post biex jitilqu minn hemm ghax l-art hi tieghu. Kien f'dan il-punt li saret il-kwerela. Madankollu, Dr Patrick Spiteri indika li sas-sena 2014, hu kien imur fuq il-post 'xi drabi' u sab 'il-gate t'isfel tal-injam imkissra*

[7] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.

*jew il-katnazz imkisser'. Fl-2018, Spiteri jghid ukoll li 'kemm il-gate ta' fuq u t'isfel, wahda giet misruqa u l-ohra mkissra'. Jghid li wara Jannar 2018, huwa acceda l-art 'kemm -il darba' u sab 'il-gate tal-HSBC kienet misruqa u mnehhija, gate li kellha wisgha ta' 8 metri u l-gate t'isfel kienet imserrha u kont sibt zewg karozzi bla licenzji, wahda hi-up u l-ohra vann, f'dik l-art'. Jghid ukoll li f'Awwissu 2019, Joseph Camilleri kien qallu li huwa (Camilleri) 'kien jista' jahdem l-art kollha'. Spiteri jzid jghid li 'wara s-sena 2015 Camilleri baqa' jdahhal ic-cedoli fl-2016 (**Dok PS05102029**), 2017 (**Dok PS05102030**) u fl-2018 (**Dok PS05102031**). F'dawn l-ahhar cedoli, Camilleri baqa' jinkludi r-raba ta' wara l-palazz tat-telgha tal-Wardija minghajr permess. Id-deskrizzjoni 'ir-raba tal-palazz tal-Wardija' hi l-art in disamina.'*

*1.2 Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina ikkorrobraw dak li qal Dr Patrick Spiteri fis-sens li f'xi zmien wara Awwissu 2019, Joseph Camilleri kien qallhom sabiex ma jkomplux iwettqu x-xoghol li kien inkarighom bih Dr Spiteri ghax l-art kien tieghu (ta' Camilleri);* [8]*…..*

*1.6 Dr Eric Mamo jghid li l-HSBC qatt ma ta kirja agrikola lil Joseph Camilleri. Madankollu, Dr Mamo jghid ukoll 'ahna ma konna nafu b'hadd li kien qed jippretendi xi titolu hlief Foresight fuq il-partijiet li s'issa ghadna m'akkwistajniex u ahna li xtrajna dawk l-artijiet. F'ghaxar snin, qatt ma ltqajna mas-Sur Camilleri. M'ghamilniex ricerki biex naraw jekk f'din l-art kienx hemm xi gabillott registrat.'*[9]*;*

Ikkunsidrat,

Fuq skorta tal-gurisprudenza citata aktar il-fuq u fir-relazzjoni tal-espert perit Musumeci, ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed li **l-kwerelant kellu xi forma ta' pussess**. Minn dokumentazzjoni esebita mill-kwerelanti quddiem il-Perit Musumeci, u stranament mill-imputat meta xehed *viva voce*, jirrizulta li l-kwerelant ukoll kellu l-pussess tal-medda art in kwistjoni.

[8] Pagna 11-12
[9] Pagna 13-14

Ghalkemm jista' jinghad li l-imputat Camilleri wkoll kellu l-pussess tal-art li kienet ghandu bi qbiela, ghall-finijiet ta' din il-kawza, kull ma jinhtieg hu li jigi pruvat li l-kwerelant Spiteri kellu l-pussess u dan il-pussess gie mxekkel bl-agir ta' Camilleri. Dan jirrizulta mix-xhieda anke tal-haddiema moghtija quddiem il-Perit Arkitett Dr. Musumeci.

Issa l-fatt li Camilleri jista' jkun li kellu xi forma ta' pussess kellu, se mai, ikun rilevanti ghal kaz, illum deciz, Il-Pulizija vs Patrick Spiteri.

Ghaldaqstant galadarba **l-kwerelant kellu l-pussess materjali tal-art**, fl-ahjar ipotezi ghal Camilleri, dan kien kaz ta *concurrent possession* li xorta ma jintitolahx ifixxkel ko-possessur!

Ikkunsidrati l-provi, din il-Qorti ma tistax ma ssibx qbil mal-konkluzzjoni milhuqa mill-Perit Dr. Musumeci fir-rigward:

> *Ghakemm Camilleri baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, huwa dezunt li l-agir tieghu li jwaqqaf lil Malcolm Aquilina u Raymond Aquilina milli jkomplu jaghmlu x-xoghol li ordnalhom Spiteri kien maghmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu peress li huwa ppretenda li ghandu titolu (qua inkwilin li kien jiddepozita c-cedoli l-Qorti) fuq l-art in mertu. Jirrizulta pero' li minflok ma fittex il-Qorti biex jiehu r-ragun, Camilleri qabad u ha l-ligi b'idejh.*[10]

Ikkunsidrata x-xhieda tal-imputat quddiem il-Qorti, u senjatament dak li pprezenta bhala dokumentazzjoni[11] ma jbiddel xejn mill-konkluzzjoni ghaqlija li wasal ghaliha Dr. Robert Musumeci, anzi bid-dokument datat is-27 t'Ottubru, 1997, l-imputat sahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Ghalhekk l-imputazzjoni giet ppruvata sal-grad rikejst.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' €700.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' **€771.18** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

---

[10] Pagna 17

[11] **Dok.JC**

Tordna li kemm il-darba dawn il-proceduri isiru *res judicata*, ghandu jigi ritornat lill-imputat il-ktieb tal-kera esebit minnu.[12]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[12] **Dok.JC1**